MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 423/2013

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-esponenti kienet izzewget lil CD minn liema zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-esponenti u s-sur D kienu izzewgu nhar l-ewwel (1) t'Awwissu elfejn u sebgha (2007) hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi l-partijiet ilhom *di facto* sseparati mill-elfejn u tmienja (2008) u minn dik id-data qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-komparenti mara qieghda tirrinunzja ghad-dritt taghha ta' manteniment stante li hija tahdem;

Illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda proprjeta in komuni u ghaldaqstant jitolbu li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-komparenti mara titlob illi hija trid zzomm kunjomha xbubitha u cioe` J.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta; Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Illi l-komparenti mara zzomm kunjomha xebba u dana jigi irregistrati fl-atti kollha tar-Registru Pubbliku;
3. Tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti;
4. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Settembru, 2013;

Rat in-nota tal-Medjatrici Erika Cutugno tal-10 ta' Settembru 2014 li permezz taghha infurmat lill-Qorti illi l-partijiet ghaddew minn process ta' medjazzjoni;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ma resqet l-ebda prova fir-rigward tat-tielet talba taghha u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tichadha;

Il-Qorti tilqa t-tieni talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ J;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ l-ewwel, it-tieni u ir-raba’ talbiet tar-rikorrenti u tichad it-tielet talba taghha, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha, J.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------